15 ta' Diċembru, 1952

Imħallfin :

L-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Anthony Richard Calleja ne. *versus* Joseph Mamo pr. et ne.

**Bejgħ — Riżoluzzjoni Minħabba Nuqqas ta' Konsenja tal-Merkanzija — Danni — Nota ta' l-Appell — Nullità — Korrezzjoni — Art. 224 (3) u 142 (3) tal-Kap. 15.**

*Fil-każ ta' riżoluzzjoni ta' bejgħ minħabba nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija da parti tal-venditur, il-kwantitativ tad-danni, meta dawn ikunu jikkonsistu fid-differenza bejn il-prezz pattwit u l-prezz kor-*

*renti, għandu jiġi determinat in bażi għall-prezz korrenti fil-lok u ż-żmien ta' fejn u meta kellha ssir il-konsenja tal-merkanzija.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li, meta l-appell ma jsirx mis-sentenza kollha, fin-nota ta' l-appell għandhom jiġu msemmijin il-kapi tas-sentenza li minnhom irid isir l-appell, hija applikabili meta mill-kapi l-oħra li ma jissemmewx jista' jsir appell, u mhux ukoll meta ma jistax isir appell minnhom. Għaldaqstant, meta xi kapi fis-sentenza ġew deċiżi favur l-appellant, u dan jappella mill-kapi li ġew deċiżi kontra tiegħu, mhix nulla n-nota ta' l-appell billi fiha ma jissemmewx il-kapi li minnhom isir l-appell. U kieku stess, dan id-difett ma jġibx għan-nullità tan-nota ta' l-appell, imma għall-korrezzjoni tagħha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi skond sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Ottubru 1948, fil-kawża fl-ismijiet "Calleja ne. vs. Mamo ne.", il-konvenut kellu jikkonsenja 3000 tunellata ħadid tqil, jew bilanċ tiegħu, minħabba ftehim li kien għadda bejn il-kontendenti dwar konsenja lid-ditta "V.C.I.M.C.O.", bil-patt li l-attur jiftaħ favur il-konvenut kreditu rrevokabili għall-prezz relativ skond ma ssemma fl-istess sentenza; u li l-konvenut kien ikkonsenja 505 tunellati ħadid lid-ditta fuq imsemmija "V.C.I. M.C.O.", u għalhekk fadallu jikkonsenja 2495 tunellati, għal liema kwantità ta' ħadid l-attur fetaħ il-kreditu bir-rata ta' £4. 5. 0 għal kull tunellata, fit-termini u bil-kondizzjonijiet indikati fil-preċitata sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948, kif ġie espressament dikjarat fis-sentenza fil-kawża "Calleja ne. vs. Mamo ne." deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' April 1951; u illi in eżekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948 l-attur talab u ottjena l-ispedizzjoni ta' mandat ta' qbid u ta' żewġ mandati ta' sekwestru fl-20 u fl-24 ta' April 1951, u in eżekuzzjoni ta' l-istess mandat ta' qbid ta' l-24 ta' April 1951 ġiet maqbuda kwantità ta' ħadid ta' ċirka 70 tunellata, li fuqha hemm kawża fl-ismijiet "Abela ne. vs. Said ne. et.", fis-sens li d-ditta "Mamo Brothers, 1939, Limited" qiegħda titlob ir-revoka ta' l-eżekuzzjoni ta' l-istess mandat; u illi, mingħajr preġudizzju ta' dik il-kawża, li tirrigwarda parti minima tal-merkanzija li l-attur għandu jirċievi, il-konvenut qiegħed jirrifjuta li jikkonsenja l-istess merkanzja, u qiegħed jallega li

*ma għandux ħadid* x'jikkonsenja; u li dina l-ineżekuzzjoni tal-konvenut hija ta' dannu lill-attur, billi ma jistax jaqla' l-profitt li ħaqqu mill-bejgħ li huwa kien għamel ta' l-istess merkanzija, u tagħtih id-dritt li jitlob ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ u d-danni lilu derivanti *mill-istess* ineżekuzzjoni;

*Talab (1) li jiġi riżolut il-bejgħ* ta' l-imsemmija *merkanzija relativament* għall-partita kollha, jew għal dik il-parti li tibqa' wara li titnaqqas il-kwantità li l-attur jista' jieħu in eżekuzzjoni tal-mandat ta' elevazzjoni ta' l-24 ta' April 1951, skond l-eżitu tal-kawża "Abela vs. Said" fuq indikata, u dana minħabba inadempjenza tal-konvenut; (2) li l-konvenut jiġi dikjarat *responsabili tad-danni lejn* l-attur, bħala konsegwenza ta' l-imsemmija inadempjenza tiegħu; (3) li l-konvenut *jiġi* kundannat iħallas lill-istess attur, in linea ta' danni, dak l-ammont li jiġi likwidat, okkorrendo anki bl-opra ta' periti;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk............;

*Omissis;*

*Rat is-sentenza* ta' dik *il-Qorti* tat-2 ta' *Mejju 1952, li* biha ġie deċiż għat-tenur ta' l-ewwel żewġ talbiet ta' l-attur, u in konnessjoni mat-tielet talba ġie dikjarat illi, fil-każ li l-attur jipprova li fil-fatt sofra danni, il-prezzijiet li għandhom jittieħdu bħala bażi tar-riżarċiment għandhom ikunu dawk ta' meta kellha ssir il-konsenja fit-12 ta' Diċembru 1948, u l-kawża ġiet rimessa "sine die" biex tkun riappuntata wara li tkun ġiet deċiża b'sentenza "passata in giudicato" l-kawża fl-ismijiet "Abela ne. vs. Said ne. et." dwar ir-revoka tal-mandat ta' qbid imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, sabiex jiġi allura mogħti l-provvediment opportun għall-aċċertament tal-fatt jekk l-attur nomine sofriex danni jew le, u f'każ affermativ għall-likwidazzjoni ta' dawk id-danni; u dana peress illi dina l-likwidazzjoni ma tistax issir qabel ma jiġi maqtugħ l-eżitu tal-kawża fuq imsemmija. L-ispejjeż ġew riżervati għas-sentenza finali. Billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi d-ditta konvenuta biegħet lid-ditta attriċi 3000 tunellata ħadid "scrap", u in konnessjoni ma' dak il-bejgħ, billi qamet kwistjoni fuq il-kondizzjonijiet apposti fl-apertura tal-kreditu relativa, li saret per mezz ta' Barclay's Bank fit-23 ta' Ot-

tubru 1947, saret kawża quddiem din il-Qorti, fejn id-ditta attriċi talbet li jiġi dikjarat li n-negozju bejn il-kontendenti sar bil-kondizzjonijiet segwenti......... B'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 1948 ġie dikjarat u deċiż illi n-negozju in kwistjoni ma għandux jiġi eżegwit bil-kondizzjonijiet (a) u (d) fuq imsemmijin, iżda għandu jiġi eżegwit bil-kondizzjonijiet li l-ħadid ikun kollu vagonabili........... u l-konvenut ġie kundannat jeżegwixxi l-bejgħ taħt dawk il-kondizzjonijiet, bil-patt li d-ditta attriċi fi żmien xahar tipprokura l-ftuħ tal-kreditu favur il-konvenut mill-ġdid, taħt il-kondizzjonijiet tal-bejgħ fuq imsemmijin............;

Kif jirriżulta mill-attijiet ta' kawża oħra quddiem din il-Qorti, li sejra tiġi ndikata aktar 'il quddiem, l-attur fetaħ il-kreditu fuq imsemmi favur il-konvenut; iżda dan, in rigward tiegħu, sab oġġezzjoni relativament għaż-żmien li fih ġie miftugħ. Fi kliem ieħor, ippretenda li ġie miftuħ tard, wara ż-żmien stabbilit fl-imsemmija sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948, u għalhekk deherlu li ma kienx aktar obligat jikkonsenja l-merkanzija, u kwindi li kien liberu jbiegħha lil ħadd ieħor, kif huwa qal li għamel. Għalhekk, fil-11 ta' Frar 1949, bdiet kawża oħra quddiem dina l-Qorti, fejn l-attur talab li jiġi dikjarat u deċiż li dak il-kreditu miftuħ favur il-konvenut ġie hekk miftuħ fit-terminu stabbilit fis-sentenza fuq riferita tat-12 ta' Ottubru 1948............ B'sentenza mogħtija fl-14 ta' Frar 1950 din il-Qorti rriteniet li l-apertura tal-kreditu ma saretx fit-terminu meħtieġ, għaliex ma ġietx kommunikata f'dak it-terminu; u għalhekk ċaħdet, f'dan is-sens, it-talbiet ta' l-attur. Kontra dik is-sentenza sar appell, u ġiet revokata mill-Qorti ta' l-Appell, li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet ta' l-attur. B'dan kollu l-konvenut naqas jikkonsenja l-merkanzija, u jgħid li ma għandux merkanzija x'jikkonsenja; għaliex, kif ġà ngħad, u jirriżulta mill-attijiet tat-tieni kawża fuq imsemmija, biegħha lil ħadd ieħor. Għalhekk saret din it-tielet kawża, fejn l-attur talab li tiġi riżoluta l-vendita li kienet ġiet magħmula favur tiegħu; li l-konvenut jiġi dikjarat responsabili tad-danni; u li jiġi kundannat iħallas lilu dak l-ammont li jiġi likwidat bħala valur ta' dawk id-danni;

In rigward ta' l-ewwel talba għandu jiġi rilevat li l-attur qiegħed jitlob ir-riżoluzzjoni tal-vendita għall-partita kollha

jew għal dik il-parti li tibqa' wara li titnaqqas dik il-kwantità li jista' jirnexxilu jieħu in eżekuzzjoni tal-mandat ta' l-elevazzjoni tal-24 ta' April 1951 indikat fl-att taċ-ċitazzjoni; *il-għaliex għandu jingħad ukoll li l-attur, in forza ta' l-imsemmi mandat ottjena l-elevazzjoni ta' madwar 77 tunellata "scrap iron"*, iżda d-ditta "Mamo Brothers, 1939, Limited" aġixxiet għar-revokazzjoni ta' dak il-mandat b'kawża fl-ismijiet "Abela ne. vs. Said ne. et.", billi tippretendi li dak li "scrap iron" huwa tagħha;

Illi peress li l-konvenut, kif jirriżulta mill-verbal tas-6 ta' *Frar 1952 fuq imsemmi (fol. 18)*, ma għamelx *oppożizzjoni* għall-ewwel talba relativa għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt, u lanqas għat-tieni talba, għaliex din hija talba għal pronunċjament deklaratorju tar-responsabilità tad-danni in ġenerali, dawn iż-żewġ talbiet għandhom jiġu milqugħa, għaliex huma ammessi mill-konvenut;

Illi in rigward għat-tielet talba, apparti u bla preġudizzju tal-pont jekk fil-fatt id-ditta attriċi sofrietx danni, qamet kwistjoni bejn il-kontendenti jekk il-"quantum" tad-danni, fil-każ li jiġu pruvati danni, għandux jiġi kalkulat fuq il-prezzijiet tal-lum jew fuq dawk taż-żmien meta kellha ssir il-konsenja;

*Illi fuq din il-kwistjoni*, skond il-liġi, kull min jonqos li jeżegwixxi l-obligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obligat għad-danni; u skond l-art. 1436 tal-Kodiċi Ċivili, il-bejjiegħ għandu jiġi kundannat għall-ħlas tad-danni jekk ix-xerrej ikun bata ħsara bin-nuqqas tal-konsenja tal-ħaġa fiż-żmien miftiehem. Dan huwa l-applikazzjoni tad-Dritt Komuni; il-ksur ta' kuntratt jista' jikkaġuna dannu, u dana għandu jiġi riparat minn min ikun kiser il-kuntratt, ladarba jkun irriżulta mill-ineżekuzzjoni ta' l-obligazzjonijiet tiegħu;

Illi skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, il-kriterji l-aktar komuni għad-determinazzjoni taċ-ċifra tad-dannu huwa dak *deżunt mid-differenza* bejn il-prezz pattwit u l-prezz korrenti, jew tas-suq, fil-post u fil-jum tan-nuqqas ta' l-adempiment. Huwa veru li fil-każijiet singoli l-ammont tad-dannu jista' jkun maġġuri jew minuri, u ma hemmx xejn li jimpedixxi lill-partijiet li jfornixxu l-provi ta' dannu akbar jew iżgħar; iżda in rigward għaż-żmien, il-kriterju għandu jkun dak tal-jum li fih tkun ivverifikat ruħha l-inadempjenza; salva, naturalment,

f'każ ta' kompro-vendita kummerċjali, il-prova li l-kumpratur kien akkwista l-ħaġa bl-intendiment li jirrimanda għal epoka suċċessiva l-utilizzazzjoni tagħha—dak li ma jirriżultax f'dan il-każ. "Il *risarcimento normale*", *jikteb Vivante fit-trattat* tiegħu "Il Diritto Commerciale", "dovuto al contraente a cui favore si è operata la risoluzione, è determinato dalla differenza tra il prezzo pattuito e il prezzo del mercato nel tempo e nel luogo in cui doveva farsi la consegna" (Vol. IV, 1693). U l-istess ħaġa jgħid Tartufari fil-kumment tiegħu dwar il-vendita fl-opra "Il *Codice di Commercio Commentato*", ko-ordinat minn Bolaffio u Vivante (Vol. III, 441);

Il-ġurisprudenza hija wkoll f'dan is-sens. "Il risarcimento dei danni per inadempimento contrattuale, specie nella compro-vendita commerciale, va di regola calcolato al tempo in cui doveva eseguirsi l'obbligazione" (C. Firenze, 13. 1. 21, Sarrano-Guadalupi). "Il risarcimento del danno, dovuto dal venditore nel caso di mancata consegna della cosa venduta, consiste nella differenza fra il prezzo fissato nel contratto e quello di mercato nel tempo e luogo in cui la consegna della merce avrebbe dovuto eseguirsi" (Giurisprudenza del Codice di Commercio, Vol. I, 767, 768, paġina 211);

Illi, fil-każ preżenti, il-konvenut kellu *jikkonsenja l-merkanzija* fi żmien xahrejn mill-jum tal-prolazzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru 1948 fuq rikordata, jiġifieri mhux aktar tard mit-12 ta' Diċembru 1948, u, konformement għal dak li ntqal fuq, dan huwa kwindi l-jum li għandu jittieħed in kalkolu. Fi kliem ieħor il-"quantum" tad-dannu għandu, f'dan il-każ, jiġi kalkulat fuq il-prezzijiet ta' dak il-jum; għaliex il-konvenut kellu żmien sa dak il-jum biex jagħmel il-konsenja tal-merkanzija; u ladarba sa dak il-jum ma għamilhiex, għandu jiġi ritenut li naqas, jiġifieri sar inadempjenti, f'dik il-ġurnata. "E dove con sentenza sia stato prefisso al venditore un termine per l'esecuzione del contratto, il prezzo della merce da prendersi a base del *risarcimento è quello di* mercato corrente al tempo della consegna fissato nella sentenza" (Giurisprudenza sul Codice di Commercio, 769, pag. 211);

Rat fil-fol 52 in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine, u filfol. 53 il-petizzjoni tiegħu ta' l-appell, li biha talab li, fil-waqt

li s-sentenza appellata tiġi konfermata filli laqgħet l-ewwel żewġ talbiet ta' l-attur, tiġi inveċe revokata fejn iddikjarat, in konnessjoni mat-tielet talba, illi, fil-każ li l-attur jipprova li fil-fatt sofra danni, il-prezzijiet li għandhom jittieħdu bħala bażi tar-riżarċiment għandhom ikunu dawk ta' meta kellha ssir il-konsenja fit-12 ta' Diċembru 1948, billi jiġi minflok dikjarat u deċiż li l-prezz li għandu jittieħed bħala bażi għandu jkun dak li jidher fid-dokument fil-fol. 5 tal-proċess, jew dak korrenti fit-2 ta' April 1951, data li fiha ġie dikjarat li l-konvenut kellu jagħmel il-konsenja tal-ħadid lill-appellant; bl-ispejjeż;

Rat fil-fol. 62 ir-risposta tal-konvenut appellat, li biha qal li l-appell interpost mill-appellant hu null, peress li l-appellant ma kkonformax ruħu ma' l-art. 224 (3) Kap. 15, skond liema, meta l-appell ma jsirx mis-sentenza kollha, fin-nota ta' l-appell għandhom jissemmew il-kapi tas-sentenza li minnhom isir l-appell; subordinatament, u bla preġudizzju ta' din il-preliminari, qal li s-sentenza appellata hi sewwa u jistħoqqilha konferma; bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Trattata l-preġudizzjali;

Din il-Qorti rriflettiet;

Anki kieku kien hemm fin-nota ta' l-appell id-difett rilevat mill-appellat, il-konsegwenza ma kienetx tkun in-nullità, imma l-emenda ta' l-iskrittura. Infatti, f'każ ta' difett simili fil-petizzjoni, li hi indubbjament att aktar serju minn nota, illiġi tgħid espressament (art. 142 (3) Kap. 15), li ma hemmx lok għan-nullità, iżda għal ordni ta' nota addizzjonali korrettorja. Mhux biss, imma l-art. 175 (2) ibidem jippermetti lill-Qorti ta' l-Appell tikkorreġi f'kull żmien, fis-sentenza, "any error in the note of appeal". Il-ġurisprudenza ċitata mill-appellat kienet emessa fi żmien meta l-formaliżmu kien ferm rigoruż; però hu risaput li, wara r-rapport tal-Kummissjoni Reġja pubblikat fit-22 ta' April 1912, li fost affarijiet oħra kien osserva illi "the rules of procedure seem to us to be prolix, dilatory and antiquated", ġiet promulgata l-Ordinanza XV ta' 1913, u appuntu waħda mill-emendi kienet dik magħmula bl-art. 59 ta' dik l-Ordinanza, li bih ġiet miżjuda fl-art. 175 fuq imsemmi l-fakoltà tal-Qorti ta' l-Appell imsemmija fit-tieni subartikolu tiegħu. Del resto, in-neċessità li jiġi mitigat ir-rigur tal-formaliżmu kien ilu avvertit mill-ġudikanti; għax sa

mill-1883 l-Imħallef *Dr. Paolo* Vella *kien* qed jikkwalifika dak il-formaliżmu bħala "l'antico sistema delle formole solenni che ora è abbandonato come sistema proprio della infanzia del diritto" (Kumm. 2. 1. 1883, "Xuereb utrinque");

Però, fil-każ in ispeċje lanqas hemm bżonn ta' ebda korrezzjoni; għax it-tielet subartikolu ta' l-art. 224, invokat mill-appellat in sostenju tal-preġudizzjali minnu opposta, ma hux applikabili f'dan il-każ. Infatti, l-ipotesi prospettata minn dak is-subartikolu hi ovvjament dik li fiha l-appellant ikun jista' *jappella* minn *diversi kapi deċiżi,* imma *jagħżel* li jappella minn wieħed jew minn x'uħud minnhom biss, u jakkweta ruħu għall-oħrajn, u allura jeħtieġ li hu fin-nota jgħid minn liema kap qiegħed jappella, biex jiftiehem li għall-oħrajn hemm l-akkwijexxenza. Issa, fil-każ preżenti, tlieta kienu t-talbiet deċiżi, imma tnejn minnhom ġew deċiżi "favur l-attur nomine appellant", u għalhekk ma kienx hemm kwistjoni li hu jappella minn żewġ kapi li kien ġà rebaħ. Mela baqa' biss, in realtà, kap "wieħed" li minnu seta' jkun irid jappella, u konsegwentement ma *kienetx tirrikorri* l-ipotesi prospettata mill-liġi, ta' "diversi" kapijiet appellabili;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellat.

**Tmiem tat-Tieni Sezzjoni**
**ta' l-Ewwel Parti**
**tal-Volum XXXVI.**